Bilanċi tal-komponenti ewlenin tal-NMDs (il-klassifikar prudenzjali tal-bilanċi tal-komponenti ewlenin)	0210	
Il-limitu massimu ta' 5 snin fuq l-ipprezzar mill-ġdid tal-NMDs fuq il-ġestjoni tar-riskju tal-IRRBB	0220	
Eżenzjonijiet għal-limitu massimu ta' 5 snin fuq l-ipprezzar mill-ġdid tal-NMDs	0230	
Immudellar tal-NMDs operazzjonali mill-klijenti finanzjarji	0240	
Bidliet fl-istruttura tal-karta bilanċjali minħabba r-rati tal-imgħax	0250	
Strateġiji tal-mitigazzjoni u tal-iħħeġġjar tal-IRRBB (EVE)	0260	
Strateġiji tal-mitigazzjoni u tal-iħħeġġjar tal-IRRBB (NII)	0270	
SOT fuq il-kejl tar-riskju tal-NII taħt l-Approċċ IMS — PTR tad-Depożiti b'terminu fil-livell tal-konsumatur	0280	
SOT fuq il-kejl tar-riskju tal-NII taħt l-Approċċ IMS — PTR tas-Self b'rata fissa fil-livell tal-konsumatur	0290	
Riskju ta' bażi	0300	
CSRBB	0310	

10.2 Informazzjoni kwalitattiva “għal kull munita”

Munita:

Kurva tar-rendiment mingħajr riskju (skontar fl-SOT fuq l-EVE)	0320	
Kurva tar-rendiment mingħajr riskju (kejl tar-riskju intern tal-EVE)	0330	
Bidla fis-suppożizzjonijiet materjali (EVE)	0340	
Bidla fis-suppożizzjonijiet materjali (NII)	0350	
Rata tal-imgħax minima wara x-xokk (NII/EVE)	0360	

J 11.00 — INFORMAZZJONI KWALITATTIVA (SIMPLIFIKATA GĦALL-SNCIS U ISTITUZZJONIJIET “OĦRAJN”)

11.1 Informazzjoni kwalitattiva ġenerali (Simplifikata)

Approċċ għall-istimi SOT fuq l-NII/EVE

Approċċ użat għall-fini tal-SOT (NII/EVE)	0010	
Rekwiżit mill-Awtorità Kompetenti (NII/EVE)	0020	

Metodoloġija NII

Metodoloġija (NII)	0030	
Flussi tal-Flus Kundizzjonali (NII)	0040	
Riskju tal-Opzjoni (NII)	0050	
Riskju ta' Bażi (NII)	0060	

Metodoloġija EVE

Metodoloġija (EVE)	0070	
Flussi tal-Flus Kundizzjonali (EVE)	0080	
Riskju tal-Opzjoni (EVE)	0090	
Riskju ta' Bażi (EVE)	0100	
Marġnijiet kummerċjali/komponenti oħra tal-firxa (EVE)	0110	

Ambitu/Livelli Limitu tal-Materjalità (NII/EVE)

Tariffi tal-penali mill-prepagamenti tas-self	0120	
Obbligi tal-pensjoni/assi ta' pjanijiet tal-pensjoni	0130	

Skoperturi improduttivi	0140	
Impenji ta' self b'rata fissa	0150	
Riskju ta' prepagament	0160	
Riskju ta' tefdija qabel iż-żmien	0170	
Informazzjoni kwalitattiva addizzjonali		
Approċċ ġenerali għall-immudellar tal-NMDs	0180	
Identifikazzjoni tal-bilanċi tal-komponenti ewlenin tal-NMDs	0190	
Motivaturi rilevanti għall-bilanċi tal-NMDs	0200	
Bilanċi tal-komponenti ewlenin tal-NMDs (il-klassifikar prudenzjali tal-bilanċi tal-komponenti ewlenin)	0210	
Il-limitu massimu ta' 5 snin fuq l-ipprezzar mill-ġdid tal-NMDs fuq il-ġestjoni tar-riskju tal-IRRBB	0220	
Eżenzjonijiet għal-limitu massimu ta' 5 snin fuq l-ipprezzar mill-ġdid tal-NMDs	0230	
Immudellar tal-NMDs operazzjonali mill-klijenti finanzjarji	0240	
Strateġiji tal-mitigazzjoni u tal-iħħeġġjar tal-IRRBB (EVE)	0260	
Strateġiji tal-mitigazzjoni u tal-iħħeġġjar tal-IRRBB (NII)	0270	
SOT fuq il-kejl tar-riskju tal-NII taħt l-Approċċ IMS — PTR tad-Depożiti b'terminu fil-livell tal-konsumatur	0280	
SOT fuq il-kejl tar-riskju tal-NII taħt l-Approċċ IMS — PTR tas-Self b'rata fissa fil-livell tal-konsumatur	0290	
Riskju ta' bażi	0300	
CSRBB	0310	

11.2 Informazzjoni kwalitattiva “għal kull munita” (Simplifikata)

Munita:

Kurva tar-rendiment mingħajr riskju (skontar fl-SOT fuq l-EVE)	0320	
Kurva tar-rendiment mingħajr riskju (kejl tar-riskju intern tal-EVE)	0330	
Rata tal-imgħax minima wara x-xokk (NII/EVE)	0360"	

ANNEX II

“ANNEX XXIX

STRUZZJONIJIET GĦAR-RAPPORTAR GĦALL-FINI TAR-RISKJU TAĊ-ĊAQLIQ FIR-RATA TAL-IMGĦAX FIL-PORTAFOLL BANKARJU

Werrej

	<i>Paġna</i>
PARTI I	2
STRUZZJONIJIET ĠENERALI	24
1. Struttura	24
2. Ambitu tar-rapportar	24
3. Trattament ta' strumenti b'rata fissa/varjabbli	24
4. Trattament tal-opzjonijiet	25
5. Konvenzjoni dwar is-simboli	25
6. Abbrevjazzjonijiet	25
7. Konvenzjonijiet oħra	26
PARTI II	5
EVALWAZZJONI TAL-IRRBB: L-SOT FUQ L-EVE/NII U L-BIDLJET TAL-MV (J 01.00)	26
1. Rimarki ġenerali	26
2. Struzzjonijiet li jikkonċernaw pożizzjonijiet speċifiċi	26
PARTI III	9
DIŻAGGREGAZZJONI TAL-ISTIMI TAS-SENSITTIVITÀ (J 02.00, J 03.00 u J 04.00)	29
1. Rimarki ġenerali	29
2. Struzzjonijiet li jikkonċernaw pożizzjonijiet speċifiċi	29
PARTI IV	18
FLUSSI TAL-FLUS SOĠĠETTI GĦALL-IPPREZZAR MILL-ĠDID (J 05.00, J 06.00 u J 07.00)	36
1. Rimarki ġenerali	36
2. Struzzjonijiet li jikkonċernaw pożizzjonijiet speċifiċi:	37
PARTI V	22
PARAMETRI RILEVANTI (J 08.00 u J 09.00)	39
1. Rimarki ġenerali	39
2. Struzzjonijiet li jikkonċernaw pożizzjonijiet speċifiċi	39
PARTI VI	26
INFORMAZZJONI KWALITATTIVA (J 10.00 u J 11.00)	41
1. Rimarki ġenerali	41
2. Struzzjonijiet li jikkonċernaw pożizzjonijiet speċifiċi	42

PART I

STRUZZJONIJIET ĠENERALI

1. **Struttura**

- 1.1. Dan l-Anness fih l-istruzzjonijiet għar-rapportar tal-formoli tar-Riskju taċ-Ċaqliq fir-Rata tal-Imgħax fil-Portafoll Bankarju (IRRBB, Interest Rate Risk in the Banking Book).
- 1.2. Dan l-Anness jikkonsisti f'fames settijiet differenti ta' formoli:
 - (a) l-evalwazzjoni tal-IRRBB: It-Testijiet Superviżorji tal-Anomaliji (SOT, Supervisory Outlier Tests) fuq il-Valur Ekonomiku tal-Ekwità (EVE, Economic Value of Equity) u fuq l-Introjtu mill-Imgħax Nett (NII, Net Interest Income) u l-bidliet fil-Valur tas-Suq (MV, Market Value) (J 01.00);
 - (b) id-diżaggregazzjoni tal-istimi tas-sensittività tal-IRRBB (J 02.00, J 03.00 u J 04.00);
 - (c) il-flussi tal-flus soġġetti għall-ipprezzar mill-ġdid tal-IRRBB (J 05.00, J 06.00 u J 07.00);
 - (d) il-parametri rilevanti dwar l-immudellar komportamentali (J 08.00 u J 09.00);
 - (e) l-informazzjoni kwalitattiva (J 10.00 u J 11.00).
- 1.3. Għal kull formola, huma pprovduti referenzi legali. Aktar informazzjoni dettaljata rigward aspetti aktar ġenerali tar-rapportar ta' kull blokk ta' formoli u l-istruzzjonijiet dwar pozzizzjonijiet speċifiċi huma inklużi f'dan l-Anness.
- 1.4. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw il-formoli fil-munita ta' rapportar, irrispettivament mid-denominazzjoni effettiva tal-assi, tal-obbligazzjonijiet u tal-entrati barra l-karta bilanċjali. Muniti għajr il-munita tar-rapportar għandhom jiġu kkonvertiti għall-munita tar-rapportar bir-rata ta' referenza FX tal-BĊE dakinhar tad-data ta' referenza. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw b'mod separat il-formoli diżaggregati skont il-muniti korrispondenti f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/856 ⁽¹⁾.
- 1.5. F'konformità mal-Artikolu 3(2), il-punt (c), tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856, l-istituzzjonijiet għandhom jirriflettu l-għażliet awtomatiċi u komportamentali fil-kalkoli tagħhom, fejn applikabbli, ħlief f'każijiet fejn speċifikat mod ieħor.

2. **Ambitu tar-rapportar**

L-istituzzjonijiet għandhom jipprojetaw l-istimi tal-IRRBB tagħhom u jipprovdu informazzjoni dwar l-iskoperturi għar-rata tal-imgħax tagħhom li jirriżultaw minn pozzizzjonijiet sensitivi għar-rata tal-imgħax fil-portafoll bankarju fl-ambitu tal-SOTs (l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856. B'mod partikolari, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw l-istrumenti kollha f'konformità mal-Artikolu 3(2), il-punti (a) sa (f), u l-Artikolu 3(3), (4) u (5) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856.

3. **Trattament ta' strumenti b'rata fissa/varjabbli**

Meta tintalab informazzjoni separata għal strumenti b'rata fissa jew varjabbli, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) 'strument b'rata fissa' tfisser 'strument b'rata fissa' kif definit fl-Artikolu 1, il-punt (4), tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/857 ⁽²⁾. B'mod speċifiku:
 - (i) strumenti mingħajr maturità kuntrattwali speċifika (jiġifieri prodotti mingħajr maturità), li l-flussi ta' flus tagħhom ta' pagamenti tal-imgħax ma jkunux marbuta kuntrattwalment jew legalment ma' movimenti ta' parametru referenzjarju estern jew indiċi ġestit internament ta' istituzzjoni, iżda minflok, ikunu fid-diskrezzjoni tal-istituzzjoni jew aġenzija tal-gvern;

⁽¹⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/856 tal-1 ta' Diċembru 2023 li jissupplimenta d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ix-xenarji ta' xokk superviżorji, is-suppożizzjonijiet komuni ta' mmudellar u parametri u x'jikkostitwixxi tnaqqis kbir (ĠU L, 2024/856, 24.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/856/oj).

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/857 tal-1 ta' Diċembru 2023 li jissupplimenta d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw metodoloġija standardizzata u metodoloġija standardizzata ssimplifikata biex jiġu evalwati r-riskji li jirriżultaw minn bidliet potenzjali fir-rati tal-imgħax li jaffettwaw kemm il-valur ekonomiku tal-ekwità kif ukoll l-introju mill-imgħax nett ta' attivitajiet tal-portafoll mhux tan-negozjar ta' istituzzjoni (ĠU L, 2024/857, 24.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/857/oj).

- (ii) strumenti b'maturità kuntrattwali speċifika, li l-flussi tal-flus tal-pagamenti tal-imgħax tagħhom ikunu fissi mill-bidu u sal-maturità tal-istrument, jew meta l-ipprezzar mill-ġdid kuntrattwali jkun aktar minn sena; jew meta l-bidliet fir-remunerazzjoni tiegħu — fi kwalunkwe mument matul il-ħajja tal-kuntratt — ikunu fid-diskrezzjoni tal-istituzzjoni jew ta' aġenzija tal-gvern.
- (b) 'strument b'rata varjabbli' t'fisser 'strument b'rata varjabbli' kif definit fl-Artikolu 1, il-punt (5), tar-Regolament Delegat (UE) 2024/857. B'mod speċifiku:
- (i) strumenti mingħajr maturità kuntrattwali speċifika (jiġifieri prodotti mingħajr maturità), meta l-flussi ta' flus tal-pagamenti tal-imgħax ma jkunux fid-diskrezzjoni tal-istituzzjoni jew aġenzija tal-gvern, iżda minflok ikunu marbuta kuntrattwalment jew legalment ma' movimenti ta' parametru referenzjarju estern jew indiċi ġestit internament ta' istituzzjoni;
 - (ii) strumenti b'maturità kuntrattwali speċifika, li l-flussi tal-flus tal-pagamenti tal-imgħax tagħhom ma jkunux fissi mill-bidu u sal-maturità tal-istrument, meta l-ipprezzar mill-ġdid kuntrattwali tiegħu jkun inqas minn sena jew ugwali għal sena, u meta l-bidliet fir-remunerazzjoni tiegħu matul il-ħajja tal-kuntratt ma jkunux fid-diskrezzjoni tal-istituzzjoni jew ta' aġenzija tal-gvern.

4. Trattament tal-opzjonijiet

Meta tintalab informazzjoni separata dwar l-opzjonijiet, l-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw kif ġej:

- (a) l-opzjonijiet inkorporati flimkien mal-istrument ospitanti rilevanti tagħhom;
- (b) l-opzjonijiet espliċiti/awtonomi separatament minn kwalunkwe tip ieħor ta' entrata fil-karta bilanċjali bħala strumenti derivattivi (jiġifieri għandhom jirrapportaw dawn l-opzjonijiet flimkien mal-entrata ħħeġġjata).

5. Konvenzjoni dwar is-simboli

- 5.1. Ġeneralment, l-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw il-valuri b'mod pożittiv fil-formoli kollha. Iċ-ċifri espressi f'unitajiet monetarji li jirreferu għal-livell tal-EVE, il-livell tal-NII u l-livell tal-MV għandhom b'mod ġenerali jiġu rrapportati bħala ċifra pożittiva, irrispettivament minn jekk tirreferix għal assi jew obbligazzjoni, għalkemm għandhom jiġu osservati eċċezzjonijiet: dan għandu jkun il-każ meta l-livell tal-NII jkun negattiv jekk l-ispejjeż tal-imgħax ikunu akbar mill-introjt mill-imgħax fix-xenarju ta' referenza, jew fil-każ ta' derivattivi meta jeħtieġ li jiġu rrapportati l-valuri nnettjati tal-komponenti derivattivi.
- 5.2. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw il-bidliet (Δ) tal-EVE, tal-NII u tal-MV b'valuri pożittivi jew negattivi, skont il-varjazzjoni. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il- Δ bħala d-differenza bejn l-EVE/NII/MV fix-xenarji ta' xokk nieqes ix-xenarju ta' referenza. Is-sensittivitajiet tal-EVE (u l-MV) ta' assi speċifiku jew obbligazzjoni speċifika għandhom jiġu rrapportati bħala pożittivi jekk l-EVE (u l-MV) ta' dan l-assi jew obbligazzjoni jiżdied f'xenarju speċifiku tar-rata tal-interess. Bl-istess mod, is-sensittivitajiet tal-NII ta' assi speċifiku, jew obbligazzjoni speċifika, għandhom jiġu rrapportati bħala pożittivi meta l-introjt mill-imgħax ta' dan l-assi, jew l-ispiża tal-imgħax ta' din l-obbligazzjoni, jiżdied f'xenarju konkret tar-rata tal-interess.
- 5.3. Fil-punti tad-*data* relatati ma' skoperturi nozzjonali jew ammonti riportati, tapplika l-istess regola, l-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw il-valuri b'mod pożittiv għall-assi u l-obbligazzjonijiet.
- 5.4. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw il-parametri b'mod pożittiv irrispettivament minn jekk dawn il-parametri jirreferux għal assi jew obbligazzjoni, u irrispettivament minn jekk dawn il-parametri jżidux jew inaqqas il-valur tal-metriċi tal-IRRBB. Jista' jkun hemm xi każijiet ta' eċċezzjoni fejn l-istituzzjonijiet jirrapportaw ċifri negattivi għall-parametri, inkluż ir-rendiment medju tal-assi/obbligazzjonijiet jekk l-aħħar risettjar tar-rata tal-imgħax kien ibbażat fuq ambjent negattiv tar-rata tal-imgħax tas-suq.

6. Abbrevjazzjonijiet

Il-Valur Ekonomiku tal-Ekwità jissejjaħ 'EVE', l-Introjt mill-Imgħax Nett jissejjaħ 'NII', il-Valur tas-Suq jissejjaħ 'MV', it-Test Superviżorju tal-Anomaliji jissejjaħ 'SOT', id-Depożiti mingħajr Maturità jissejjaħ 'NMDs' u s-Sistema Interna ta' Kejl tissejjaħ 'IMS', l-approċċ standardizzat jissejjaħ 'SA'.

7. Konvenzjonijiet oħra

- 7.1. F'dan l-Anness, isiru referenzi għar-Regolament Delegat (UE) 2024/856 jew 'RTS fuq l-SOT' u r-Regolament Delegat (UE) 2024/857 jew 'RTS fuq l-SA'. Meta t-test jirreferi għad-definizzjonijiet stipulati fir-Regolament Delegat (UE) 2024/857, dawn id-definizzjonijiet għandhom jiġu applikati għall-istituzzjonijiet kollha li jirrapportaw (u mhux biss għal dawk li japplikaw SA).
- 7.2. Id-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/857 għandhom japplikaw għal dan l-Anness.

PARTI II

EVALWAZZJONI TAL-IRRBB: L-SOT FUQ L-EVE/NII U L-BIDLJET TAL-MV (J 01.00)

1. Rimarki ġenerali

- 1.1. Il-formola J 01.00 fiha l-livelli u l-bidliet tal-EVE (Δ EVE) u l-livelli u l-bidliet tal-NII (Δ NII), ikkalkolati kif stabbilit fir-Regolament Delegat (UE) 2024/856, kif ukoll il-livell u l-bidliet tal-MV, ikkalkolati skont il-kriterji tal-ġestjoni tar-riskju intern, b'kunsiderazzjoni ta' medda ta' żmien ta' sena u suppożizzjoni ta' karta bilanċjali kostanti. Fiha, fost l-oħrajn, id-daqs speċifikat tax-xokkijiet tar-rata tal-imġhax għall-muniti mhux imsemmija fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856 u l-proporzjonijiet ta' Δ EVE u Δ NII għall-Kapital tal-Grad 1 skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, Δ EVE u Δ NII fl-aġħar xenarji u l-livell tal-EVE u tal-NII fix-xenarju ta' referenza kif ukoll Δ EVE, Δ NII u Δ MV taħt ċerti xenarji ta' xokk tar-rata tal-imġhax regolatorji.
- 1.2. Din il-formola għandha tiġi rrapportata b'mod separat għal kull munita inkluża fil-kalkolu tal-SOT f'konformità mal-Artikolu 1(3) u (4) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856, kif ukoll għall-aggregat tal-muniti kollha li għalihom japplika l-Artikolu 1(4) ta' dak ir-Regolament Delegat. Meta jiġu kkalkolati l-bidliet aggregati (għall-muniti kollha) għal kull xenarju ta' xokk tar-rata tal-imġhax, għandu japplika l-Artikolu 3(8) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856.

2. Struzzjonijiet li jikkonċernaw pożizzjonijiet speċifiċi

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
0010–0090	Il-valur ekonomiku tal-ekwità L-istimi tal-EVE kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 98(5), il-punt (a), tad-Direttiva 2013/36/UE u l-Artikolu 1 sa 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856. Fir-rigward tas-suppożizzjonijiet ta' mmudellar u parametri li mhumiex speċifikati fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament Delegat, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw dawk is-suppożizzjonijiet li japplikaw fil-kejl u l-ġestjoni tal-IRRBB tagħhom, jiġifieri l-metodoloġiji interni tal-kejl tagħhom, l-approċċ standardizzati jew l-approċċ standardizzati simplifikati, kif applikabbli.
0010	Δ EVE fl-aġħar xenarju Il-bidla tal-EVE fix-xenarji ta' xokkijiet superviżorji msemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856 li tikkawża l-akbar tnaqqis tal-EVE. L-aġħar eżitu mill-valuri fir-ringieli 0040 sa 0090 għandu jiġi rrapportat f'din ir-ringiela.
0020	Δ Il-proporzjon tal-EVE fl-aġħar xenarju Il-proporzjon tal-valur irrapportat fir-ringiela 0010, għall-kapital tal-Grad 1 iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
0030–0090	L-EVE f'xenarji ta' referenza u ta' xokkijiet superviżorji Il-livell tal-EVE fix-xenarju ta' referenza u l-bidliet tal-EVE (jiġifieri Δ EVE) fix-xenarji ta' xokkijiet superviżorji msemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856.
0030	Il-livell tal-EVE f'xenarji ta' referenza Il-livell tal-EVE fix-xenarji ta' referenza tar-rati tal-imġhax tad-data ta' referenza.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
0040	Δ EVE taħt xokk parallel 'il fuq Il-bidla tal-EVE fix-xenarju ta' 'xokk parallel 'il fuq' imsemmi fl-Artikolu 1(1), il-punt (a), u l-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856.
0050	Δ EVE taħt xokk parallel 'l isfel Il-bidla tal-EVE fix-xenarju ta' 'xokk parallel 'l isfel' imsemmi fl-Artikolu 1(1), il-punt (b), u l-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856.
0060	Δ EVE taħt xokk ta' żieda fil-kurva tar-rendiment Il-bidla tal-EVE fix-xenarju ta' 'xokk ta' żieda fil-kurva tar-rendiment' imsemmi fl-Artikolu 1(1), il-punt (c), u l-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856.
0070	Δ EVE taħt xokk ta' tnaqqis fil-kurva tar-rendiment Il-bidla tal-EVE fix-xenarju ta' 'xokk ta' tnaqqis fil-kurva tar-rendiment' imsemmi fl-Artikolu 1(1), il-punt (d), u l-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856.
0080	Δ EVE taħt xokk 'il fuq qasir tar-rati Il-bidla tal-EVE fix-xenarju ta' 'xokk 'il fuq qasir tar-rati' msemmi fl-Artikolu 1(1), il-punt (e), u l-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856.
0090	Δ EVE taħt xokk 'l isfel qasir tar-rati Il-bidla tal-EVE fix-xenarju ta' 'xokk 'l isfel qasir tar-rati' msemmi fl-Artikolu 1(1), il-punt (f), u l-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856.
0100–0140	L-introjtu mill-imgħax nett L-NII kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 98(5), il-punt (b), tad-Direttiva 2013/36/UE u speċifikat fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856. Fir-rigward tas-suppożizzjonijiet ta' mmudellar u parametri li mhumiex speċifikati fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament Delegat, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw daww is-suppożizzjonijiet li japplikaw fil-kejl u l-ġestjoni tal-IRRBB tagħhom, jiġifieri l-metodoloġiji interni tal-kejl tagħhom, l-approċċ standardizzati jew l-approċċ standardizzati simplifikati, kif applikabbli. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu it-trattament kontabilistiku tal-ħeġġijiet (jiġifieri kontabilità għall-iħħeġġjar) u ma għandhomx jinkludu l-effetti tal-entrati msemmija fl-Artikolu 33(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
0100	Δ NII fl-agħar xenarju Il-bidla tal-NII ta' sena fix-xenarji ta' xokkijiet superviżorji msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856 li tikkawża l-akbar tnaqqis tal-NII. L-agħar eżitu mill-valuri fir-ringieli 0130 sa 0140 għandu jiġi rrapportat f'din ir-ringiela.
0110	Δ Il-proporzjon tal-NII fl-agħar xenarju Il-proporzjon tal-valur irrapportat fir-ringiela 0100, għall-kapital tal-Grad 1 iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
0120–0140	L-NII f'xenarji ta' referenza u ta' xokkijiet superviżorji Il-livell tal-NII fix-xenarju ta' referenza u Δ NII fix-xenarji ta' xokkijiet superviżorji msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856.
0120	Il-livell tal-NII f'xenarju ta' referenza Il-livell tal-NII fix-xenarju ta' referenza tar-rati tal-imgħax mid-data ta' referenza.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
0130	ΔNII taħt xokk parallel 'il fuq Il-bidla tal-NII fix-xenarju ta' 'xokk parallel 'il fuq' imsemmi fl-Artikolu 1(2), il-punt (a), u l-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856.
0140	ΔNII taħt xokk parallel 'l isfel Il-bidla tal-NII fix-xenarju ta' 'xokk parallel 'l isfel' imsemmi fl-Artikolu 1(2), il-punt (b), u l-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856.
0150–0170	Bidliet fil-valur tas-suq bl-IMS L-MV f'xenarji ta' referenza u ta' xokkijiet superviżorji Il-previżjonijiet tal-bidliet tal-MV (ΔMV) tal-ammont riportat fuq medda ta' żmien ta' sena f'xenarji ta' referenza u ta' xokkijiet superviżorji għandhom jintwerew fil-kont tal-qligħ u t-telf jew inkella direttament fl-ekwiżità (bħal permezz ta' introjtu komprensiv ieħor). L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw ΔMV netti mill-effett tal-ħeġġijiet kontabilistiċi (jiġifieri, il-kontabilità għall-iħħeġġjar) u għandhom jinjoraw l-effetti tal-entrati msemmija fl-Artikolu 33(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (komponent effettiv tad-derivattivi għall-kontabilità għall-iħħeġġjar tal-flussi tal-flus li jhħeġġjaw l-entrati tal-kost amortizzat). L-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-previżjonijiet ta' ΔMV skont l-IMS tal-IRRBB tal-istituzzjoni jew, fejn applikabbli, l-Artikolu 22 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/857, għax-xenarji ta' xokkijiet superviżorji msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856. Id-daqs u l-kompożizzjoni totali tal-ammont li l-valur tiegħu huwa sensitiv għal ΔMV għandhom jinżammu billi strumenti li jimmaturow jiġu sostitwiti bi strumenti ġodda li jkollhom karatteristiċi komparabbli (inklużi l-munita u l-ammont nominali tal-istrumenti). L-istimi tar-riskju, li minnhom jiġu derivati l-parametri rilevanti, għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk użati għall-kalkolu tal-SOT, inkluż, fejn applikabbli, l-immudellar komportamentali u l-opzjonalità awtomatika.
0150	Il-livell tal-MV f'xenarju ta' referenza Il-livell tal-MV fix-xenarju ta' referenza tar-rati tal-imgħax mid-data ta' referenza.
0160	ΔMV taħt xokk parallel 'il fuq Il-bidla tal-MV fix-xenarju ta' 'xokk parallel 'il fuq' imsemmi fl-Artikolu 1(2), il-punt (a), u l-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856.
0170	ΔMV taħt xokk parallel 'l isfel Il-bidla tal-MV fix-xenarju ta' 'xokk parallel 'l isfel' imsemmi fl-Artikolu 1(2), il-punt (b), u l-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856.
0180–0200	Muniti oħrajn: Id-daqs tax-xokkijiet tar-rata tal-imgħax Il-Parti B tal-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856. Ix-xokkijiet tar-rata tal-imgħax għall-muniti kkalibrati f'konformità mal-Parti B tal-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856 u l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament Delegat. Id-daqs tax-xokkijiet tar-rata tal-imgħax għandu jiġi rrapportat f'punti bażi u f'valur assolut. Id-daqs tax-xokk jirrappreżenta d-differenza (ΔR) fir-rigward tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju. Dawn ir-ringieli ma għandhomx ikunu rrapportati għall-muniti msemmija fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856. Dawn għandhom jiġu rrapportati biss għall-muniti kkunsidrati fl-SOT, f'konformità mal-Artikolu 1(4) ta' dak ir-Regolament Delegat.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
0180	Xokk parallel Id-daqs tax-xokk parallel tar-rati tal-imgħax f'punti bażi kkalibrat f'konformità mal-Parti B tal-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856 u l-Artikolu 2(1) ta' dak ir-Regolament Delegat.
0190	Xokk qasir tar-rati Id-daqs tax-xokk qasir tar-rati tal-imgħax f'punti bażi kkalibrat skont ix-xokk qasir imsemmi fil-Parti B tal-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856 u fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament Delegat.
0200	Xokk twil tar-rati Id-daqs tax-xokk twil tar-rati tal-imgħax f'punti bażi kkalibrat skont ix-xokk twil imsemmi fil-Parti B tal-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856 u fl-Artikolu 2(3) ta' dak ir-Regolament Delegat.

Kolonni	Referenzi legali u struzzjonijiet
0010	Ammont Id-daqs speċifikat tax-xokkijiet tar-rata tal-imgħax għandu jiġi rrapportat f'punti bażi (bps), ΔEVEs u ΔNIIs għandhom jiġu rrapportati kemm bħala proporzjonijiet kif ukoll bħala ammonti (kif speċifikat fl-istruzzjonijiet dwar ir-ringieli). L-ammonti għandhom jiġu rrapportati fil-munita tar-rapportar.

PARTI III

DIŻAGGREGAZZJONI TAL-ISTIMI TAS-SENSITTIVITÀ (J 02.00, J 03.00 u J 04.00)

1. **Rimarki ġenerali**

- 1.1. Il-formoli J 02.00, J 03.00 u J 04.00 jipprovdu diżaggregazzjonijiet ulterjuri tal-istimi ta' istituzzjoni tas-sensittivitajiet tal-IRRBB abbażi tal-SOT (ir-Regolament Delegat (UE) 2024/856) u tal-bidliet tal-MV (il-Ġestjoni tar-Riskju Intern b'medda ta' żmien ta' sena u suppożizzjoni ta' karta bilanċjali kostanti), inkluża l-opzjonalità komportamentali/kundizzjonali u awtomatika għal diżaggregazzjoni speċifika tal-entrati tal-karta bilanċjali.
- 1.2. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw il-kontenut ta' dawn il-formoli għal kull munita b'mod separat li fiha l-istituzzjoni jkollha pożizzjonijiet meta l-valur kontabilistiku tal-assi jew tal-obbligazzjonijiet finanzjarji denominati f'munita jammonta għal 5 % jew aktar tal-assi jew l-obbligazzjonijiet finanzjarji totali tal-portafoll bankarju, jew inqas minn 5 % jekk is-somma tal-assi jew l-obbligazzjonijiet finanzjarji inklużi fil-kalkolu tkun inqas minn 90 % tal-assi (esklużi l-assi tanġibbli) jew l-obbligazzjonijiet finanzjarji totali tal-portafoll bankarju.

2. **Struzzjonijiet li jikkonċernaw pożizzjonijiet speċifiċi**

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
0010	Assi Totali L-assi totali sensitivi għar-rata tal-imgħax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856 irrispettivament mit-trattament kontabilistiku tagħhom. Din ir-ringiela għandha tinkludi: <ul style="list-style-type: none"> — l-assi vis-à-vis il-Banek Ċentrali; — l-assi interbankarji; — is-self u l-avvanzi; — it-titoli ta' dejn; — id-derivattivi li jiġhheggjaw l-assi;

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
	<p>— oħrajn.</p> <p>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw skoperturi tal-IRRBB ta' assi li ma jitnaqqasux mill-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni (CET1) determinati f'konformità mal-Parti Tnejn, it-Titolu I, il-Kapitolu 2, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u bl-esklużjoni ta' assi tanġibbli bħal proprjetà immobbli, kif ukoll skoperturi ta' ekwità fil-portafoll bankarju kif imsemmi fl-Artikolu 133 u l-Artikolu 147(2), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Dawn l-iskoperturi għandhom jiġu assenjati lis-setturi tal-kontroparti skont in-natura tal-kontroparti immedjata.</p>
0020	<p>li minnhom: minħabba l-opzjonalità awtomatika</p> <p>Il-kontribut tal-opzjonalità awtomatika inkorporata u espliċita għall-assi totali sensittivi għar-rata tal-imgħax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856 irrispettivament mit-trattament kontabilistiku tagħhom.</p>
0030	<p>Bank ċentrali</p> <p>L-assi vis-à-vis il-banek ċentrali, inklużi l-bilanċi tal-flus u d-depożiti ta' domanda, kif imsemmi fil-Parti 1, il-punt 42(a), tal-Anness V ta' dan ir-Regolament.</p>
0040	<p>Assi interbankarji</p> <p>L-assi kollha li l-kontroparti tagħhom tkun istituzzjoni ta' kreditu kif imsemmi fil-Parti 1, il-punt 42(c), tal-Anness V ta' dan ir-Regolament, esklużi l-iskoperturi ta' derivattivi u titoli.</p>
0050	<p>Self u avvanzji</p> <p>Strumenti ta' dejn miżmuma minn istituzzjonijiet li mhumiex titoli, kif imsemmi fil-Parti 1, il-punt 32, tal-Anness V ta' dan ir-Regolament. Din ir-ringiela ma għandhiex tinkludi l-iskoperturi inklużi fir-ringieli 0030 u 0040.</p>
0060, 0130, 0150, 0250, 0280, 0320, 0360, 0400, 0430, 0480	<p>li minnhom: rata fissa</p> <p>L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw iċ-ċifri relatati mal-istrumenti b'rata fissa, skont il-konvenzjoni speċifikata fil-Parti I, it-Taqsima 3, ta' dan l-Anness.</p>
0070	<p>li minnhom: improduttivi</p> <p>Self u avvanzji improduttivi kif imsemmi fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856 u fl-Artikolu 47a(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.</p>
0080	<p>Fil-livell tal-konsumatur</p> <p>Self u avvanzji lil persuna fiżika jew SME, meta l-iskopertura lejn intrapriża żgħira u ta' daqs medju ('SME') għandha tikkwalifika għall-klassi ta' skopertura fil-livell tal-konsumatur skont l-approċċi Standardizzati jew Ibbażati fuq Klassifikazzjonijiet Interni ('IRB', Internal Ratings Based) għar-riskju ta' kreditu kif stabbilit fil-Parti 1, it-Titolu II, il-Kapitolu 2 u 3 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jew lil kumpanija li tkun eliġibbli għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 153(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u meta d-depożiti aggregati minn dik l-SME jew kumpanija fuq bażi ta' grupp ma jaqbżux EUR 1 miljun. Kemm is-self u l-avvanzji fil-livell tal-konsumatur produttivi kif ukoll dawg improduttivi għandhom jiġu rrapportati f'din ir-ringiela.</p>
0090	<p>li minnhom: garantiti bi proprjetà immobbli residenzjali</p> <p>Self fil-livell tal-konsumatur formalment iggarantit permezz ta' kollateral ta' proprjetà immobbli residenzjali, irrispettivament mill-proporzjon tas-self mal-kollateral tagħhom ('self għall-valur') u l-forma ġuridika tal-kollateral.</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
0100	Bl-ingrossa mhux finanzjarji Self u avvanzi lill-gvernijiet estiżi u lill-korporazzjonijiet mhux finanzjarji kif imsemmi fil-Parti 1, il-punt 42(b) u (e) tal-Anness V ta' dan ir-Regolament. Din ir-ringiela ma għandhiex tinkludi l-iskoperturi inklużi fir-ringiela 0080.
0110	Bl-ingrossa finanzjarji Self u avvanzi lil korporazzjonijiet finanzjarji oħra kif imsemmi fil-Parti 1, il-punt 42(d) tal-Anness V ta' dan ir-Regolament.
0120	Titoli ta' dejn Strumenti ta' dejn miżmuma minn istituzzjoni maħruġa bħala titoli li mhumiex self, kif imsemmi fil-Parti 1, il-punt 31, tal-Anness V ta' dan ir-Regolament, inklużi l-bonds koperti u l-iskoperturi tat-titolizzazzjoni.
0140	Derivattivi li jhhegġjaw l-assi Id-derivattivi kif definiti fl-Artikolu 2(1), il-punt (29) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ . L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw id-derivattivi miżmuma taħt reġim ta' kontabilità għall-iħħeġġjar, skont il-qafas kontabilistiku applikabbli, billi l-entrata ħħeġġjata hija assi sensitivi għar-rata tal-imgħax.
0160	Li jhhegġjaw it-titoli ta' dejn Derivattivi għall-kontabilità għall-iħħeġġjar li jhhegġjaw assi li jkunu titoli ta' dejn.
0170	Li jhhegġjaw assi oħrajn Derivattivi għall-kontabilità għall-iħħeġġjar li jhhegġjaw assi li ma jkunux titoli ta' dejn.
0180	Oħrajn Assi oħrajn sensitivi għar-rata tal-imgħax fil-karta bilanċjali li ma jaqgħux taħt ir-ringieli ta' hawn fuq għandhom jiġu rrapportati f'din ir-ringiela.
0190	Assi barra l-karta bilanċjali: assi kontinġenti L-assi barra l-karta bilanċjali elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li huma sensitivi għar-rata tal-imgħax, u li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856. L-impenji ta' self b'rata fissa ma' mutwatarji prospettivi għandhom ukoll jiġu inklużi f'din ir-ringiela. L-impenji ta' self għandhom jiġu rrapportati bħala taħlita ta' pozzizzjoni qasira u twila. Huwa l-każ ta' impenn ta' self b'rata fissa li għalih l-istituzzjoni jkollha pozzizzjoni twila fis-self fil-bidu tal-impenn u pozzizzjoni qasira meta s-self ikun suppost se jiġi użat. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw il-pożizzjonijiet twal bħala assi, u l-pożizzjonijiet qosra bħala obbligazzjonijiet. F'din ir-ringiela għandhom jirrapportaw biss l-istrumenti kontinġenti li jikkwalifikaw bħala assi.
0200	Obbligazzjonijiet totali L-obbligazzjonijiet totali sensitivi għar-rata tal-imgħax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856 u irrISPettivament mit-trattament kontabilistiku tagħhom. Din ir-ringiela għandha tinkludi: — l-assi vis-à-vis il-Banek Ċentrali; — l-obbligazzjonijiet interbankarji; — it-titoli ta' dejn maħruġa;

(³) Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/600/oj>).

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
	<ul style="list-style-type: none"> — id-depożiti mingħajr maturità; — id-depożiti b'terminu; — id-derivattivi li jidhergħaw l-obbligazzjonijiet; — oħrajn.
0210	<p>li minnhom: minħabba l-opzjonalità awtomatika</p> <p>Il-kontribut tal-opzjonalità awtomatika inkorporata u espliċita għall-obbligazzjonijiet totali sensitivi għar-rata tal-imgħax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856 irrispettivament mit-trattament kontabilistiku tagħhom.</p>
0220	<p>Bank ċentrali</p> <p>L-obbligazzjonijiet vis-à-vis il-banek ċentrali kif imsemmi fil-Parti 1, il-punt 42(a), tal-Anness V ta' dan ir-Regolament.</p>
0230	<p>Obbligazzjonijiet interbankarji</p> <p>L-obbligazzjonijiet kollha li l-kontroparti tagħhom tkun istituzzjoni ta' kreditu kif imsemmi fil-Parti 1, il-punt 42(c), tal-Anness V ta' dan ir-Regolament, esklużi l-iskoperturi ta' derivattivi u titoli.</p>
0240	<p>Titoli ta' dejn maħruġa</p> <p>Strumenti ta' dejn maħruġa bħala titoli mill-istituzzjoni li mhumiex depożiti, kif imsemmi fil-Parti 1, l-Artikolu 37 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament.</p>
0260	<p>li minnhom: AT1 jew T2</p> <p>Titoli ta' dejn maħruġa f'konformità mal-Artikoli 61 jew 71 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, esklużi l-fondi proprji perpetwi mingħajr ebda data eżerċitabbli (l-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2024/856).</p>
0270	<p>NMDs: Tranżazzjonali fil-livell tal-konsumatur</p> <p>Depożiti mingħajr maturità fil-livell tal-konsumatur f'kont tranżazzjonali kif definiti fl-Artikolu 1, il-punt (10), tar-Regolament Delegat (UE) 2024/857. L-NMDs tranżazzjonali fil-livell tal-konsumatur għandhom jinkludu l-kontijiet fil-livell tal-konsumatur li ma jrendux imgħax u kontijiet fil-livell tal-konsumatur oħra li l-komponent tar-remunerazzjoni tagħhom ma jkunx rilevanti fid-deċiżjoni tal-klijent li jżomm il-flus fil-kont.</p>
0290, 0330, 0370	<p>li minnhom: komponent ewlieni</p> <p>Il-komponent ewlieni tad-depożiti mingħajr maturità kif definit fl-Artikolu 1, il-punt (15), tar-Regolament Delegat (UE) 2024/857.</p> <p>L-NMDs li huma stabbli u aktarx li ma jiġux ipprezzati mill-ġdid anki taħt bidliet sinifikanti fl-ambjent tar-rata tal-imgħax, jew depożiti oħra li l-elastiċità limitata tagħhom għall-bidliet fir-rati tal-imgħax għandha tiġi mmudellata mill-istituzzjonijiet</p>
0300, 0340, 0380	<p>li minnhom: eżentati mil-limitu massimu ta' 5 snin</p> <p>L-iskoperturi għat-tfaddil regolat kif imsemmi fl-Artikolu 428f(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, iżda mhux limitati għall-parti ċentralizzata, jew daww b'limiti ekonomiċi jew fiskali materjali f'każ ta' prelevament, li għalihom l-istituzzjoni ma tillimitax id-data tal-ipprezzar mill-ġdid medja ponderata massima għal 5 snin.</p>
0310	<p>NMDs: Mhux tranżazzjonali fil-livell tal-konsumatur</p> <p>Depożiti mingħajr maturità fil-livell tal-konsumatur f'kont mhux tranżazzjonali kif definiti fl-Artikolu 1, il-punt (11), tar-Regolament Delegat (UE) 2024/857.</p> <p>Depożiti oħra fil-livell tal-konsumatur li mhumiex ikkunsidrati 'Depożiti Mingħajr Maturità: Tranżazzjonijiet fil-Livell tal-Konsumatur' għandhom jiġu kkunsidrati bħala miżmuma f'kont mhux tranżazzjonali. B'mod partikolari, id-depożiti mhux tranżazzjonali fil-livell tal-konsumatur għandhom jinkludu l-kontijiet fil-livell tal-konsumatur (inklużi daww regolati) li l-komponent tar-remunerazzjoni tagħhom ikun rilevanti fid-deċiżjoni tal-klijent li jżomm il-flus fil-kont.</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
0350	NMDs: Bl-ingrossa mhux finanzjarji Depożiti bl-ingrossa kif definiti fl-Artikolu 1, il-punt (12), tar-Regolament Delegat (UE) 2024/857 li jkunu NMDs mill-gvernijiet estiżi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji (NFCs, non-financial corporations) kif imsemmija fil-Parti 1, il-punt 42(b) u (e), tal-Anness V ta' dan ir-Regolament.
0390	NMDs: Bl-ingrossa finanzjarji Depożiti bl-ingrossa kif definiti fl-Artikolu 1, il-punt (12), tar-Regolament Delegat (UE) 2024/857 li jkunu NMDs mill-kontropartijiet skont il-Parti 1, il-punt 42(d), tal-Anness V ta' dan ir-Regolament.
0410	li minnhom: depożiti operazzjonali NMDs li jikklassifikaw bħala depożiti operazzjonali skont l-Artikolu 27(1)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 (*).
0420	Depożiti b'terminu Depożiti mhux trasferibbli li d-depożitant ma jitħalliex jiġbed qabel il-maturità miftiehma jew li jistgħu jiġu prelevati qabel iż-żmien dment li d-depożitant iġarrab il-kostijiet u t-tariffi (ta' prepagament) kaġun tal-prelevament qabel iż-żmien. Din l-entrata għandha tinkludi d-depożiti ta' tfaddil regolat amministrattivament meta l-kriterju relatat mal-maturità ma jkunx rilevanti. Għalkemm depożiti b'maturità miftiehma jista' jkollhom il-possibbiltà li jiġu mifdija qabel iż-żmien wara notifika minn qabel, jew jistgħu jiġu mifdija wara li ssir talba u soġġett għal ċerti penali, dawn il-karatteristiċi ma għandhomx jintużaw għall-finijiet ta' klassifikazzjoni. Din ir-ringiela ma għandhiex tinkludi l-iskoperturi fir-ringieli 0220 u 0230.
0440	Fil-livell tal-konsumatur Din ir-ringiela għandha tinkludi d-depożiti b'terminu mill-klijenti fil-livell tal-konsumatur.
0450	Bl-ingrossa mhux finanzjarji Depożiti b'terminu minn klijenti bl-ingrossa mhux finanzjarji. Depożiti bl-ingrossa kif definiti fl-Artikolu 1, il-punt (12), tar-Regolament Delegat (UE) 2024/857 li jkunu depożiti għajr NMDs mill-gvernijiet estiżi u NFCs kif imsemmija fil-Parti 1, il-punt 42 (b) u (e), tal-Anness V ta' dan ir-Regolament.
0460	Bl-ingrossa finanzjarji Depożiti b'terminu minn klijenti bl-ingrossa finanzjarji. Depożiti bl-ingrossa kif definiti fl-Artikolu 1, il-punt (12), tar-Regolament Delegat (UE) 2024/857 li jkunu depożiti għajr NMDs mill-kontropartijiet kif imsemmija fil-Parti 1, il-punt 42(d), tal-Anness V ta' dan ir-Regolament.
0470	Derivattivi li jhheggjaw l-obbligazzjonijiet Id-derivattivi kif definiti fl-Artikolu 2(1), il-punt (29), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw id-derivattivi miżmuma taħt reġim ta' kontabilità għall-iħħeġġjar, skont il-qafas kontabilistiku applikabbli, billi l-entrata ħħeġġjata hija obbligazzjoni sensitiva għar-rata tal-imgħax.
0490	Li jhheggjaw it-titoli ta' dejn Derivattivi għall-kontabilità għall-iħħeġġjar li jhheggjaw assi li jkunu titoli ta' dejn.
0500	Li jhheggjaw obbligazzjonijiet oħrajn Derivattivi għall-kontabilità għall-iħħeġġjar li jhheggjaw assi li ma jkunux titoli ta' dejn.

(*) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (ĠU L 11, 17.1.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2015/61/oj).

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
0510	Oħrajn Assi oħrajn sensitivi għar-rata tal-imgħax fil-karta bilanċjali li ma ġewx ikklassifikati fir-ringieli ta' hawn fuq għandhom jiġu rrapportati f'din ir-ringiela.
0520	Obbligazzjonijiet barra l-karta bilanċjali: Obbligazzjonijiet kontinġenti L-entrati barra l-karta bilanċjali għandhom jinkludu prodotti bħal impenji ta' self sensitivi għar-rata tal-imgħax. L-obbligazzjonijiet kontinġenti għandhom jiġu kkunsidrati bħala taħlita ta' pozzizzjoni qasira u twila. B'mod speċifiku, fl-eventwalità li l-istituzzjoni jkollha linja ta' kreditu ma' istituzzjonijiet oħra, l-istituzzjoni jkollha pozzizzjoni twila meta s-self ikun suppost se jiġi użat u pozzizzjoni qasira fid-data tal-ftuħ tal-linja ta' kreditu. Il-pożizzjonijiet twal għandhom jiġu rrapportati bħala assi filwaqt li l-pożizzjonijiet qosra bħala obbligazzjoni. L-istrumenti kontinġenti li jikkwalifikaw bħala obbligazzjonijiet biss għandhom jiġi rrapportati f'din ir-ringiela.
0530	Derivattivi oħra (Assi/Obbligazzjonijiet netti) Id-derivattivi tar-rati tal-imgħax mhux imfassla bħala ħeġġijiet kontabilistiċi bħall-ħeġġijiet tar-rati tal-imgħax ekonomiċi, li huma maħsuba biex jiħħeġġjaw ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax fil-portafoll bankarju iżda li mhumiex taħt reġim ta' kontabilità għall-iħħeġġjar.
0540–0640	Entrati ta' Memorandum
0540	Derivattivi Netti Il-kontribut nett tad-derivattivi tar-rati tal-imgħax fil-portafoll bankarju, b'kont meħud ta' dawk id-derivattivi tar-rati tal-imgħax li jiħħeġġjaw l-assi (ir-ringiela 0140) jew l-obbligazzjonijiet (ir-ringiela 0470) taħt reġim ta' kontabilità għall-iħħeġġjar fil-portafoll bankarju u l-ħeġġijiet tar-rati tal-imgħax ekonomiċi (ir-ringiela 0530) ta' derivattivi tar-rati tal-imgħax oħra fil-portafoll bankarju mfassla bħala ħeġġijiet kontabilistiċi.
0550	Pożizzjoni netta tar-rata tal-imgħax mingħajr derivattivi L-iskoperturi għar-rata tal-imgħax kollha fil-karta bilanċjali, inklużi l-iskoperturi barra l-karta bilanċjali u bl-esklużjoni tad-derivattivi tar-rati tal-imgħax. B'mod partikolari, l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha bl-esklużjoni tal-effett tad-derivattivi.
0560	Pożizzjoni netta tar-rata tal-imgħax bid-derivattivi L-assi u l-obbligazzjonijiet kollha, inklużi l-iskoperturi barra l-karta bilanċjali u d-derivattivi tar-rati tal-imgħax.
0570	Assi Totali b'impatt fuq l-MV L-assi totali, fil-każijiet li fihom il-bidliet tal-MV ikunu rilevanti għall-profitt jew it-telf jew l-ekwità, bl-esklużjoni tad-derivattivi ta' ħeġġ mhux kontabilistiku rrapportati taħt ir-ringiela 0530. Għall-istituzzjonijiet li japplikaw l-IFRS skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ^(*) , l-assi tal-portafoll bankarju li jiġu rreġistrati b'valur ġust skont il-qafas kontabilistiku applikabbli (permezz tal-profitt jew telf jew inkella introjtu ieħor komprensiv), flimkien ma' titoli ta' dejn u strumenti oħrajn irreġistrati b'kost amortizzat soġġetti għal kontabilità għall-iħħeġġjar b'valur ġust. Id-derivattivi li jiħħeġġjaw l-assi fil-portafoll bankarju taħt reġim ta' kontabilità għall-iħħeġġjar għandhom jiġu rrapportati f'din it-Taqsima għajr għall-komponent effettiv ta' dawk id-derivattivi għall-kontabilità għall-iħħeġġjar tal-fluss tal-flus li jiħħeġġjaw l-entrati tal-kost amortizzat imsemmija fl-Artikolu 33(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
0580	Titoli ta' dejn Titoli ta' dejn meta l-bidliet tal-MV ikunu rilevanti għall-profitt jew telf jew ekwità. Dan jinkludi titoli ta' dejn fil-valur ġust flimkien ma' titoli ta' dejn irreġistrati b'kost amortizzat soġġetti għal ħeġġ kontabilistiku b'valur ġust.

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità (ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2002/1606/oj>).

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
0590	Derivattivi Id-derivattivi kif definiti fl-Artikolu 2(1), il-punt (29), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014. Id-derivattivi li jiħħeġġjaw l-assi taħt reġim ta' kontabilita għall-iħħeġġjar għandhom jiġu rrapportati f'din ir-ringiela, bl-esklużjoni ta' dawk id-derivattivi mfassla bħala ħeġġijiet tal-flussi tal-flus li jiħħeġġjaw l-entrati tal-kost amortizzati.
0600	Oħrajn Assi oħrajn b'valur ġust, flimkien ma' assi oħrajn b'kost amortizzati soġġetti għal kontabilita għall-iħħeġġjar b'valur ġust.
